*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,158, 2 ta' April, 2019*

*Taqsima B*

---

**A.L. 53 tal-2019**

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
## (KAP. 327)

### L-Ordinamenti tal-2019 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(c) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

**It-Titlu**

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2019 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 25 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Marzu 2019 'il quddiem.

**L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali**

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors/qasam ta' studju, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science – M.Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science – M.Sc.;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Information and Communication Technology – P.G.Cert.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Information and Communication Technology – P.G.Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad."

**L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali**

4. L-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (1) tal-ordinament 6.

5. Il-paragrafi (2) u (3) li ġejjin għandhom jidħlu wara l-paragrafu (1) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali:

"(2) L-istudenti li jiksbu t-30 krettu ECTS għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux temmew il-Kors b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate.

(3) L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw id-dissertazzjoni b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma."

**L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali**

6. Il-paragrafu (1) tal-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-ordinament 7.

7. Il-paragrafu (2) tal-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.